MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 7/2013

Fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru Nru 1808/12, fl-ismijiet:

**Desmond Mizzi u D.M. Holdings Limited (C8408)**

**-vs-**

**Unitrade Limited (C9456)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors preżentat fid-9 ta’ Jannar 2013 li permezz tiegħu s-soċjeta’ rikorrenti Unitrade Limited talbet ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru msemmi *ai termini* tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-risposta ta’ Desmond Mizzi u tas-soċjeta’ intimata preżentata fil-21 ta’ Jannar 2013 li permezz tagħha jsostnu qabel kollox li t-talba kellha ssir skond l-artikolu

742 peress li l-partijiet qegħdin f'arbitraġġ u li fil-mertu huma kellhom kull dritt jitolbu u jottjenu l-ħruġ tal-mandat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Frar 2013 fejn il-mandat odjern ġie mħolli għal digriet finali wara li saret it-trattazzjoni mid-difensuri rispettivi.

Ikkunsidrat,

Illi r-rikorrenti qed jitolbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru illi nħareġ fuq talba tas-soċjeta' intimata u tal-intimat li jġibu n-numru ndikati fl-okkju u qed jiċċitaw tlett kawżali, u ċjoe' l-Artikolu 836 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi s-sub-artikolu tal-Artikolu 836 indikat mir-rikorrenti jsemmi fost ir-ragunijiet li jiġġustifikaw it-tneħħija tal-mandat:

**(c)** li jkun hemm garanzija xierqa oħra biex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun ħareġ l-att kawtelatorju sew bi ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor jew inkella dik il-garanzija l-oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-Qorti tissodisfa dik il-pretensjoni;

**(d)** jekk it-talba hija *prima facie* mhux ġustifikata jew eċċessiva;

**(f)** jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

Illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru *ai termini* tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna l-proċedura maħsuba fl-artikou 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie*. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **"Camilleri vs Gove et" –** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem: *"mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa*

*biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."* (ara wkoll is-sentenza fil-kawza **"Emanuel Sammut vs Josephine Sammut" –** deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003).

Illi għalhekk il-Qorti trid tara jekk *prima facie* jeżistux raġunijet, dejjem skond is-sub-artikoli msemmija mir-rikorrenti, biex il-mandat jiġi revokat, parzjalment jew *in toto*.

Illi f'dan il-każ pero' din il-Qorti trid tiddeċiedi l-ewwel jekk għandhiex tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati, u ċjoe' jekk tali talba kellhiex issir mhux a bazi tal-artikolu msemmi iżda skond l-artikolu 742 tal-istess Kap. 12. Ma hemmx dubju li l-vertenza hija naxxenti minn ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet. Kif jgħid l-artikolu 742 fis-sub-artikoli (4) u (5) tiegħu:

*"**(4)** Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta' arbitraġġ, il-Qrati jistgħu joħorġu kull att kawtelatorju, f'liema każ, jekk dik il-parti tkun għadha ma ressqitx it-talba tagħha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f'dan il-Kodiċi li fihom għandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba għandhom ikunu ta' għoxrin jum mid-data tal-ħruġ tal-att kawtelatorju.*

***(5)*** *Att kawtelatorju maħruġ skont ma hemm fis-sub-artikolu ta' qabel dan għandu jitneħħa:*

(a) jekk dik il-parti li jinħareġ kontriha tagħmel dak id-depożitu jew tagħti dik il-garanzija li tkun biżżejjed sabiex tiżgura d-drittijiet jew it-talbiet imsemmija fl-att; jew

(b) jekk min japplika jonqos milli jressaq it-talba tiegħu, sew quddiem l-arbitru jew quddiem il-Qorti, fit-terminu msemmi ta' għoxrin jum; jew

(ċ) meta jiskadi  ż-żmien, oriġinali jew imġedded, tal-att partikolari skont dan il-Kodiċi; jew

(d) għal raġuni tajba, fuq rikors tad-debitur, kif il-Qorti tista' tqis xieraq fiċ-ċirkostanzi.

Illi għal xi raġuni għalhekk il-leġislatur ħass illi kellu jkun hemm dispożizzjoni oħra li kellha tirregola l-materja fejn il-mandat kawtelatorju jkun ħareġ in segwitu għal arbitraġġ. Huwa minnu li  hemm xebħ kbir bejn ir-raġunijiet li għalihom il-mandat għandu jitneħħa, madankollu hemm xi differenzi li jistgħu jaffetwaw l-eżitu tat-talba in kwistjoni, u allura l-Qorti jidhrilha illi ma jkunx ġust li tiddeċiedi t-talba li għandha quddiemha *ai termini* tal-artikolu 836 meta l-leġislatur ried minghajr ombra ta' dubju li każ bħal dan jiġi deċiż skond l-artikolu 742.

**Illi għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi dan ir-rikors billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju; salv kull dritt li jista' jkollha s-socjeta' rikorrenti fir-rigward illi naturalment jibqghu impreġudikati.**

**L-ispejjeż jitħallsu mis-soċjeta rikorrenti.**

**Moqri.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------